# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 382/1990 ISB**

**John u Emanuel aħwa Debattista**

**v.**

**Josephine Debattista u Carmen mart Manuel Sammut bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Innag Household Limited u l-istess Josephine Debattista, Carmen mart Manwel Sammut, Anthony Debattista u Anthony Mallia bħala *shareholders* fl-istess soċjetà kif ukoll Manwel Sammut bħala Kap tal-kommunjoni tal-akkwisti bejnu u martu Carmen u amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

Il-Qorti:

1. Din hija kawża b'azzjoni derivattiva u azzjoni għax-xoljiment ta' kumpanija skont il-liġi dwar is-soċjetajiet kummerċjali.

2. Innag Household Limited ġiet irreġistrata fit-30 ta' Ġunju 1976. Kienet tmexxi Johnsons Stores li kienet kumpanija kbira f'Malta, b'negozju u qliegħ qawwija.

3. Anthony Mallia, Emanuel Debattista, John Debattista Anthony Debattista, Josephine Debattista, u Carmen Sammut kellhom ishma ta' 1/6 kull wieħed fis-soċjetà kummerċjali Innag Household Limited. Diretturi appuntati fl-1 ta' Lulju 1976 kien hemm Anthony, Josephine u Carmen. Fil-bidu tal-1987 Anthony rriżenja. Minn 1988 l-quddiem, Josephine u Carmen ma tawx iktar *audited accounts*, ma żammewx laqgħat ġenerali, ma qassmux dividends. Fin-1990 infetħet din il-kawża. Baqgħu bl-istess sistema sal-1998. Minn dik is-sena 'l quddiem bdew jinħatru likwidatur wara l-ieħor iżda ħadd minnhom m'għamel xejn għaliex Josephine u Carmen ma kkoperawx magħhom. Huma waqqfu ħanut ieħor tagħhom personali ftit metri bogħod mill-istabbiliment tal-kumpanija u semmewh **Johnson**; ċjoe` b'isem jixbaħ lil dak tal-ħanut tal-kumpanija suċċitata. Għadu jopera sal-lum.

4. Fil-1990, **John u Emanuel aħwa Debattista**, fetħu din il-kawża li permezz tagħha talbu lill-Qorti sabiex:

(1) Ixxolji l-kumpanija Innag Household Limited minħabba li fil-fehma tal-Qorti jeżistu raġunijiet gravi li jiġġustifikaw ix-xoljiment a tenur tal-Art 150 (g) tal- Kap 168;

(2) Taħtar stralċjarju sabiex jillikwida u jassenja l-assi tas-soċjetà b'dawk il-poteri, dmirijiet u kumpens li l-Qorti jidhrilha xieraq fil-każ.

(3) Tiddikjara lil-konvenuti responsabbli sabiex jagħmlu tajjeb għat-telf li nkorriet is-soċjetà minħabba l-aġir tagħhom fuq imsemmi.

(4) Tillikwida t-telf imsemmi fit-tielet talba kif ukoll tillikwida kull somma oħra li l-konvenuti *in solidum* jew min minnhom għandu jrodd lill-assi tas-soċjetà rappreżentanti valur ta' flus u/jew oġġetti indebitament meħuda.

(5) Tordna lir-reġistratur tas-soċjetajiet sabiex jirreġistra ix-xoljiment tal-imsemmija soċjetà u l-konsegwenzjali ħatra taħt dawk il-provvedimenti opportuni.

5. Fil-1998, bi ftehim bejn il-partijiet, l-Ewwel Qorti ħatret likwidatur biex il-kumpanija tiġi xolta.

6. Fl-udjenza tat-30 ta’ Lulju 2020 il-Qorti ordnat li l-istralċ jieqaf sakemm ikunu deċiżi mill-Qorti t-tielet u r-raba’ talba tal-kawża.

7. B’sentenza tas-17 ta’ Marzu 2023, il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ ċaħdet it-tielet u r-raba’ talbiet attrici u astjeniet milli tippronunzja ruħha dwar il-ħames talba peress illi l-Qorti kienet diġà pprovdiet dwaru fil-provvediment tagħha tal-10 ta’ Lulju 1998.

8. Essenzjalment, l-Ewwel Qorti rraġunat li għat-tielet u r-raba’ talba kellha tapplika l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali (“l-Ordinanza”), billi l-provvedimenti tranżitorji tal-Att XXV.1995 semmew li l-likwidatur jinħatar taħt il-liġi l-ġdida, iżda ma semmew xejn dwar kwistjonijiet pendenti quddiem il-Qrati meta daħal fis-seħħ dak l-Att. Irraġunat li l-atturi ma ġabux prova li għamlu minn kollox biex il-kumpanija tieħu azzjoni kontra d-diretturi; lanqas ġabu prova li kien hemm *wrongdoer control*; li mal-ħatra tal-istralċjarju l-azzjoni derivattiva saret insostenibbli.

9. **Dwar il-liġi applikabbli**, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> “Il-Qorti tinnota li l-partijiet trattaw estensivament dwar liema liġi għandha tapplika għall-vertenza odjerna u ċioe’ jekk hux l-Att dwar il-Kumpaniji tal-1995, il-Kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew l-Ordinanza Dwar Soċjetajiet Kummerċjali, il-Kap 168 tal- Liġijiet ta’ Malta, li ġie sostitwit appuntu bil-Kap 386.

Jirriżulta li l-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-1990 u għalhekk ċertament illi din il- kawża nbdiet taħt ir-reġim tal-Kap 168 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt fit-trattazzjoni tiegħu, John Debattista jgħid li t-talbiet kif dedotti saru b'attenzjoni sabiex jissodisfaw il-liġi ta' dak iż-żmien minħabba li naturalment l-Att dwar il-Kumpaniji kien għadu ma jeżistix.

Il-Qorti rat id-disposizzjonijiet transitorji kontenuti fit-Taqsima XIII tal-Att XXV tal- 1995 u partikolarment l-artikoli 428 u 429 li jistipulaw dak li għandu jkun regolat bl- Att dwar il-Kumpaniji. Jirriżulta li m'hemm l-ebda dubju li l-istralċ li għaddej fil- proċeduri odjerni huwa regolat mill-Att dwar il-Kumpaniji u dana stante d- disposizzjoni transitorja kontenuta fl-artikolu 429 tal-Att XXV tal-1995.

Jibqa' pero` l-kwistjoni tat-tielet u r-raba' talbiet kontenuti fir-rikors promotur. F'dan ir-rigward jirriżulta li m'hemm l-ebda disposizzjoni transitorja li tirregola talba magħmula taħt l-artikolu 130 tal-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali u lanqas ma jirriżuta li hemm disposizzjoni transitorja li tirregola x'għandu jsir b'vertenzi li kienu pendenti quddiem il-Qrati nostrani meta daħal fis-seħħ il-Kap 386.

Il-Qorti tosserva li għalkemm kontenuti fl-istess rikors promotur, it-tielet u r-raba' talba huma kompletament separati mill-ewwel żewġ talbiet li jirrigwardaw ix- xoljiment – u li llum huma eżawriti. Fil-fatt kienet anke l-Qorti stess, anke kif diversament presuduta, li dejjem trattat it-tielet u r-raba' talbiet bħala separati u distinti.

Għalhekk la darba t-tielet u r-raba' talba kif kontenuti fir-rikors promotur huma separati u distinti mit-talbiet li jirrigwardaw l-istralċ u la darba d- disposizzjonijiet transitorji tal-Att XXV tal-1995 huma silenzjużi dwar x'għandu jiġri minn kwistjonijiet pendenti quddiem il-Qrati nostrani mad-dħul fis-sehh ta' dak tal-att, isegwi li l- leġislatur ma kellux l-intenzjoni li dawn ukoll jiġu regolati bil-Kap 386 u għalhekk m'hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li l-liġi li għandha tiġi applikata fir-rigward tat- tielet u r-raba' talba tar-rikors promotur hija l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, allura il-Kap 168 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra u tiddeċiedi dwar it- tielet u raba' talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors promotur skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, il-Kap 168 tal- Liġijiet ta' Malta."

10. L-Ewwel Qorti kompliet tgħid li l-partijiet jaqblu li permezz tat-tielet u r-raba' talba l-atturi kienu qegħdin imexxu l-azzjoni derivattiva u ċċitat dottrina u ġurisprudenza li jispjegaw li din l-azzjoni hija waħda eżerċitata mill-kumpanija kontra d-diretturi

tagħha għal ksur tal-obbligi tagħhom. Billi aktarx li d-diretturi jkollhom il-kontroll tal-kumpanija, soċji minoritarji jistgħu jiftħu din il-kawża f'isem il-kumpanija u jħarrkuha bħala konvenuta għalkemm proprjament tkun l-attriċi. Biex soċju minoritarju jiftaħ din l-azzjoni jrid jipprova li eżawrixxa inutilment il-mezzi l-oħrajn disponibbli għalih.

11. Il-Qorti kompliet ir-raġunament tagħha billi kkwotat sentenza li ċċitat lill-Professur Andrew Muscat fil-ktieb tiegħu dwar il-liġi tal-kumpaniji fejn qal, fuq l-awtorità ta' dottrina u ġurisprudenza Ngliża, li **l-azzjoni derivattiva ma tistax issir meta l-kumpanija tkun fi stat ta' likwidazzjoni.** Dan għaliex ġaladarba jinħatar il-likwidatur huwa jingħata l-kontroll tal-affarijiet tal-kumpanija.

12. L-atturi appellaw mis-sentenza b'dawn is-sitt aggravji li qegħdin jiġu riprodotti fil-qosor:

(1) L-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet li l-kawża hi msejjsa fuq l-Ordinanza u mhux fuq l-Att. B'digriet tal-istess Qorti, l-istralċjarju kien maħtur a tenur tal-Att; hekk ukoll kellhom jitqies a tenur tal-Att it-tielet u r-raba' talbiet.

(2) Anke jekk tapplika l-Ordinanza, tapplika l-azzjoni derivattiva billi d-diretturi abbużaw mill-pożizzjoni tagħhom ta'

diretturi bejn 1988 u 1998 meta nħatar l-istralċjarju. Il-kawża nfetħet fil-1990.

(3) L-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li ma kinux inġabru provi dwar aġir ta' kummerċ ħażin u frawdolenti.

(4) Il-Kap 386 iżid id-drittijiet tas-soċi minoritarji. Għalhekk, il-Qorti, fin-nuqqas tal-istralċjarji li jwettqu l-obbligi tagħhom, messha applikat Art. 315 u 316 tal-istess Kap u llikwidat il-ħsara *arbitrio boni viri*.

(5) Il-Qorti ma setgħetx tinħeba wara l-istralċjarji jekk dawn ma wettqux dmirhom sewwa.

(6) L-Ewwel Qorti ma messhiex tefgħet l-ispejjeż kollha fuq l-appellanti meta r-raba' u l-ħames talbiet biss ġew miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

13. Din il-kawża nfetħet fis-sena 1990 meta kienet viġenti l-Ordinanza. Fis-sena 1995, l-Ordinanza ġiet sostitwita bl-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji ("l-Att"). L-istralċjarju nħatar bi qbil bejn il-partijiet fis-sena 1998. Iqum għalhekk il-kweżit tad-dritt tranżitorju - jekk il-kawża baqgħetx regolata bil-liġi l-antika; jekk taqax taħt il-liġi

l-ġdida; inkella taqax parti taħt żewġ saltniet – parti taħt il-liġi l-antika u parti taħt il-liġi l-ġdida.

14. Kif diġa` ngħad, l-Ewwel Qorti sabet li l-istralċ (l-ewwel żewġ talbiet) huwa rregolat mil-liġi l-ġdida; it-talbiet l-oħra baqgħu taħt il-liġi l-antika. Dan għaliex il-leġislatur fid-dispożizzjoni tranżitorja għamel riferenza għal-likwidatur iżda mhux għall-azzjoni derivattiva.

15. Il-punt li jrid jiġi deċiż qabel kull punt ieħor hu jekk l-Ewwel Qorti ddeċidietx sewwa meta qalet, fl-aħħar paragrafu tas-sentenza qabel id-*decide* li "**la darba l-fatt li l-kumpanija ġiet xjolta u nħatar stralċjarju rrenda l-azzjoni derivattiva insostenibbli, din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiċħad it-tielet u r-raba' talba attriċi**".

16. Taħt l-Ordinanza, soċju minoritarju kellu żewġ rimedji fil-każ li d-drittijiet tiegħu kienu qegħdin jiġu ppreġudikati: azzjoni derivattiva, fil-forma ta' l-eċċezzjoni ta' frodi fuq il-minoranza għar-regola ta' Foss v. Harbottle (li l-maġġoranza tikkmanda) u azzjoni taħt Art. 150(g) tal-Ordinanza li kien jipprovdi għax-xoljiment tal-kumpanija jekk fl-opinjoni tal-Qorti, kien hemm raġunijiet biżżejjed gravi biex isir

ix-xoljiment. Il-Qrati Maltin kienu b'mod ġenerali jsegwu l-ġurisprudenza Ngliża dwar frodi fuq il-minoranza.[1] Ma kien hemm xejn speċifikat iswed fuq l-abjad fit-test tal-Ordinanza li ż-żewġ azzjonijiet ma setgħux jittieħdu flimkien.

17. Taħt l-Att, Art. 402 wessa' r-rimedju tal-azzjoni derivattiva minn dak ta' frode fuq il-minoranza (li fl-Ordinanza ma kienx ikkontemplat iżda ġie stabbilit mill-ġurisprudenza Maltija fuq il-linji-gwida tal-ġurisrudenza Ngliża) għal waħda iktar wiesa li tikkomprendi atti tal-maġġoranza li jkunu oppressivi, inġusti jew diskriminatorji fil-konfront tal-minoranza. Art. 402(3) jipprovdi għadd ta' rimedji **alternattivi** li l-Qorti tista' tagħti.

Fost dawn l-alternattivi hemm li tipprovdi għal kumpens minn min ikun responsabbli għal telf jew danni (para. (f)) jew li xxolji l-kumpanija (para. (ġ)). Anke hawn jibqa' l-kweżit jekk tnejn jew iktar mill- alternattivi fil-paragrafi (a) sa (ġ) jistgħux jintalbu flimkien. Il-liġi ma teskludix speċifikament din il-possibilita` għalkemm il-kelma "jew" bejn kull paragrafu tista' possibilment tiġi nterpretata f'dan is-sens.

[1] Austin Gauci Maistre, The Unfair Prejudice Remedy – Article 402 of the Companies Act (Teżi tal-Masters in Financial Services Degree, Universita` ta' Malta, Diċembru 2012) paġni 23 u 24.

18. Skont il-kummentatur ewlieni, jekk mhux l-uniku, dwar l-Att, *"the derivative action is not available when the company is in liquidation".*[2]

19. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Sezzjoni tal-Kummerċ iċċitat u aċċettat din il-fehma:

> Fil-fehma ta` din il-Qorti, punt ieħor li jimmilita kontra l-azzjoni tal- atturi u li jista` wkoll jinkwadra ruħu fil-kuntest ta` l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamata fil-kawża huwa li r-regola ewlenija hija illi azzjoni ta` din ix-xorta ma tistax titressaq fil-konfront ta` kumpanija fil-proċess ta` stralċ.
>
> Andrew Muscat (op. cit) (fol. 891) isostni illi :
>
> "*It should also be noted that the derivative action is not available when the company is in liquidation*."
>
> U jirreferi għal Palmers` Company Law (24th ed. 1987) pag 977 u Gower and Davies` Principles of Modern Company Law (7th ed, 2003) pag 445.
>
> Muscat jagħmel referenza ukoll għas-sentenzi Ferguson vs Wallbridge (1935) 3 D.L.R. 66 (P.C.) kif ukoll Fargro Ltd vs Godfroy (1986) 1 W.L.R. 1134.
>
> Ta` l-istess portata huwa dak riportat fil-"Company Law (OUP – pag 211) fejn Alan Dignam u John Lowry jispjegaw li :
>
> *Where a company goes into liquidation the court will not allow a derivative action to be brought or continued because the liquidator then has the statutory power to litigate in the company`s name (Insolvency Act 1986, S 165(3), S 167(1) and Sch 4 para 4). The position was succinctly stated by Wlaton J in Fargro ltd vs Godfory (1986*) :
>
> "*But once the company goes into liquidation, the situation is completely changed, because one no longer has a board or indeed a shareholders` meeting, which is in any sens in control of the activities of the company of any description, let alone its litigation. Here what has happened is that the liquidator is now the person in whom that rigħt is vested."*
>
> See also Cinematic Finance Ltd vs Ryder para 10.4).
>
> *The rationale for this is clear. Once a company goes into liquidation, the liquidator takes control of the company`s affairs. If the liquidator refuses to initiate litigation, a shareholder may apply to the court for an order directing the liquidator to sue or an order permitting the shareholders to bring proceedings in the name of the company (Fargro Ltd v Godfroy 1986). Before granting such an order, the Court must be convinced either that the liquidator exercised his discretion mala fides or that he came to decision to which no*

[2] Professur Andrew Muscat, Principles of Maltese Company Law, paġna 891, Edizz. 2007.

*reasonable liquidator would have come. (Leon v York-O-Matic Ltd) 1966).*[3]

20. Fehma li l-istess kittieb reġa' tenna fit-tieni edizzjoni tal-opra tiegħu.[4]

21. Il-fehma tal-Professur Muscat hija bbażata fuq il-ġurisprudenza Ngliża li kienet applikata minn dawn il-Qrati fi żmien l-Ordinanza; ġurisprudenza li l-istess Professur japplika għar-reġim legali l-ġdid taħt l-Att.

22. Din il-Qorti tqis li kemm jekk tapplika l-Ordinanza (kif sabet l-Ewwel Qorti) kif ukoll jekk japplika l-Art. 402(3) tal-Att (kif isostnu l-appellanti) jibqa' japplika l-istess prinċipju: l-azzjoni derivattiva mhix kompatibbli mat-talba għall-istralċ peress illi fl-istralċ, il-ġestjoni tal-kumpanija ma tibqax f'idejn id-diretturi imma tgħaddi għand l-istralċjarju, li jkollu wkoll ir-rappreżentanza ġuridika esklussiva tal-kumpanija. Fil-każ ta' stralċ, kull ilment ta' tmexxija ħażina irid bilfors jiġi indirizzat lil-likwidatur.

23. Fil-verità t-tħassir tal-Ordinanza u l-introduzzjoni tal-Att ma ġab l-ebda bdil fir-regola in kwistjoni tal-inkompatibilita` tal-azzjoni

[3] Giampaolo Lonzar v MLS Multinational Logistic Services Limited 14.07.2016 Prim'Awla. Is-sentenza ġiet appellata għal raġunijiet oħrajn iżda kkonfermata fl-appell fl-04.05.2022. Saret ukoll ritrattazzjoni li ġiet miċħuda fit-12.10.2023.
[4] Professur Andrew Muscat, Principles of Maltese Company Law, Vol 3 paġna 1215, it-tieni edizz. (2019).

derivattiva ma' dik tal-istralċ u għalhekk proprjament lanqas hawn kwistjoni ta' dritt tranżitorju jew ta' *ius superveniens.*

24. Ġaladarba l-azzjoni kif imposta mhix proponibbli, t-tielet u r-raba' talba jfallu.

***Decide***

25 Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħdha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna l-prosegwiment tal-istralċ. In vista tan-novità tal-każ spejjeż taż-żewġ istanzi jkunu nofs ($^1/_2$) bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb